Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

**22 ta' Frar 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Joline Attard - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv



2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

: +356 21662424 :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 42 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **42.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Is-Segretarju Eżekutiv qrat l-ittra ta’ apoloġija tal-kunsilliera is-Sinj. Joline Attard li kienet assenti għal din il-laqgħa. |
| **42.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 42.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 40, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta’ imejl u ġew approvati mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **42.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 42.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar laqgħa mas-surġent tal-Community Police fejn flimkien mas-segretarju eżekuttiv tkellimna rigward dawn ir-rapporti:<br><br>Boiler Wharf fejn hemm il-ħitan tas-swar fil-periklu u iltqajna mal-Perit Amanda Degiovanni fejn il-perit qalet li daħħlu applikazzjoni mall-PA għan-nieżla tal-Boiler Wharf li jiġi il-ħajt ta’ man-niċċa. Il-Perit qalet li ser tagħmel rapport u tgħaddih lil TM.<br><br>Triq San Pietru u San Pawl dwar gallarija li qeda fil-periklu.<br><br>Taraġ li jinsab fi Triq is-Sur k/m Triq San Ġiljan |
| 42.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-Sinj. Francesa Zammit mir-Reġjun Port l-uffiċjal li ser tkun qed tieħu ħsieb il-kultura. Iddiskutejna dwar l-għaqdiet li hawn fil-lokalita’ u x’ jagħmlu u kif jistgħu japplikaw għal-fondi. Tkellimna fuq il-Belt Kapitali, fejn il-kunsill tal-Birgu ser ikun qiegħed japplika f’isem Ir-Reġjun Port.<br><br>Is-Sindku flimkien mas-segretaju eżekuttiv iltaqgħu mas-Sinj Zoe Jay Fletcher li hija l-uffiċjal responsabbli għall-ambjent fejn iddiskutejna magħħa rigward proġett tal-kunsill lokali dwar tisbieħ tal-ambjent u aktar żoni b’aktar pjanti u ma sib l-ebda xkiel biex nagħmlu kuntatt magħha fejn ikun hemm bżonn. Offrejnilha li meta trid tiġi iddur mal-akwati tal-Isla tista tiġi tuża l-iscooters tal-kunsill fil-ħinijiet tal-uffiċċju. |

| | |
|---|---|
| 42.03.03 | Is- Sindku ipprezenta imejl mibgħutha minn Fr. Robin fejn talab lil kunsill biex jikkolabora għal serata li ser issir fl-1 t' April 2022 u li ser tiġi imsejħa il-Passjoni skont Zahra – mixja mal-pitturi li jinsabu fl-Oratorju tas-Ssmu. Kurċifiss fil-Belt Senglea. Il-Kunsilliera qablu unanimament li jikkolaboraw u l-kunsill joħroġ is-somma ta' 200 ewro. |
| 42.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li rċieva imejl mingħad il-kumitat tal-ECO SKOLA dwar ix-xogħol tal-kunsill u talba għal bins u siġar fl-iskola. Is-Sindku kellem lil kuntrattur li ħaddem dwar is-siġar u l-pjanti tat-tender tas-sena l-oħra biex jagħti xi donazzjoni ta' pjanti għal-iskola iżda ma rċievix risposta. Il-Kunsilliera qablu li l-kunsill għandu jixtri dawn il-pjanti għall-iskola Primarja. |
| 42.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-segretarju eżekuttiv bagħtet il-formoli meħtieġa biex jinbidlu l-ismijiet tat-toroq., dik li tissejaħ ir-rampa tal-Isla u tiġi imsemmija Triq Nazzareno Mifsud u l-Open Gym jiġi imsejjaħ għal George Dingli. Il-Kunsill irċieva risposta li l-bord għal dawn it-Tismija tat-Toroq ser jiltaqa' wara l-elezjoni ġenerali. |
| 42.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li r-Reġjun Port ser jaħdem fuq website tar-reġjun għalhekk qed jitolbu informazzjoni dawar il-lokalitajiet tar-Reġjun Port. Din l-imejl intbgħatet lil kunsilliera kollha, sabiex nibgaġtu l-informazzjoni meħtieġa kif hemm fuq l-imejl datatat 21/02/2022 CIR Reġjun Port 06/2022 Website Regjun Port. |
| 42.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li is-segretarju eżekuttiv tellgħat l-ismijiet taż-żagħżagħ li huma fl-għaqdiet bil-polza fil-preżenza tal-iskrivani sabiex imorru ġewwa Padron fi Spanja u jiddiskut fuq Gender Equality fejn dawn ser jiprarparaw slides fuq din it-tema u jirrapreżentaw lil Malta mal-pajjiżi l-oħra li huma, Spanja, Ungarija, Sqallija, Martenika. Iż-żagħzagħ huma Kurt Bonello, Luke Farrugia, Shanice Ahar u Kristina Attard. Ma dawn iż-żagħżagħ sejrin il-viċi sindku u s-segretarju eżekuttiv, is-segretarju eżekuttiv preżentat il-Per Diem tal-Viċi Sindku kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv fejn il-kunsilliera approvaw dan il-Per Diem allowance. |
| 42.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-segretarju eżekuttiv ser jattendu għal-konferenza ta' Norway Grants fejn il-kunsill apllika biex jieħu sehem fil-laqgħat barra minn Malta ġewwa Norway. Dawn il-kunsill irridu jintgħażlu mid-dipartiment. |
| 42.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva imejl datata 11 ta' Frar 2022 minn għand is-Sur Claudio Camilleri mill-ministeru tal-wirt storiku, arti u gvern lokali fejn informa lil kunsill li l-Ministeru informa lil Arts Council għat-talba tal-kunsill, li din is-sena ser taħbat it-80 sena anniversarju mill -wasla tal-konvoy ta ' Santa Marija fil-15 t' Awissu 1942, sabiex jagħmel disinn kommemorattiv madwar l-arblu tal- |

| | |
|---|---|
| | baħħara kollha li kien ġie inawgurat fil-15 t' Awissu 1996 għall avveniment storiku tal-wasla tal-konvoy ta' Santa Marija. L-Arts Council huma infurmati u ser ikunu qed jagħmlu kuntatt mal-kunsill sabiex jaraw kif jistgħu jassistu. |
| 42.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva imejl minn għand is-Sur Albert Dimech mill-Valletta Cultural Agency fejn il-kunsill ġie infurmat li ser issir l-Pageant of the Seas bejn it-22 u l-25 ta' Ġunju 2022. Is-Sindku informa lil kunsilliera li fil-21 ta' Ġunju 2022 ser ikun hemm tieġ u l-Gardjola ser tkun magħluqa. |
| 42.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li Arthur Perici ser japplika f'isem il-kunsill proġett ieħor mal-Erasmus dwar Sports fejn jieħdu sehem tar-regatta. Jekk il-kunsill issib tlett pajjiżi li jkunu partners il-fondi għal dan il-proġett ikun ta' bejn 30000 ewro u 60000 ewro għall tnax il-xahar. Din l-applikazzjoni talaq fit-23 ta' Marzu 2022. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-proġett għalhekk is-segretarju eżekuttiv għandha tinforma lis-Sur Perci sabiex imexxi bl-applikazzjoni.<br><br>Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-Sur Perici ser japplika f'isem il-kunsill għall proġett ieħor din id-darba jinvolvi lil kulħadd kemm żagħżagħ kif ukoll anzjani. Dan il-rpoġett ukoll jagħlaq fit-23 ta' Marzu 2022. Il-Baġit għal din l-applikazzjoni jekk wieħed jintgħażel tkun dik ta bejn 120000 euro u 400000 euro li jrid isisr bejn 24 u 36 xahar. Il-kunsilliera qablu unanimament ma dan il-proġett ukoll. |
| 42.03.12 | Is-Sindku issuġġerixxa din is-sena jinħareġ ktieb iżda ma jkunx b'xejn. Il-Kunsill ħaseb biex fil-baġit iwarrab 2000 ewro għal ktieb bħal dan. Dan il-ktieb din id-darba ser jikkonsist dwar personaġġi Sengleani. Is-Sur Fabian għandu riċerka t ' madwar 300 personaġġ għalhekk il-ħsieb hu li l-ktieb ma jkunx b'xejn, u jista jkun li dan il-ktieb jinħareġ f'aktar minn żewġ volumi. |
| 42.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li iltaqa' mas-Sinj. Joanne Genovese li hija youth leader fejn il-YMCA jixtiequ li żagħżagħ jagħmlu filmat fuq l-Isla u l-Kunsill joħroġ l-ispejjezz ta' madwr 500 ewro. Is-sindku għandu jibgħat aktar dettalji b'imejl. . |
| 42.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Pasta Night għall Karnival tħasret, iżda għandu jibgħat imejl lil kunsilliera dwar żeffiena Braziljana għall Jiem tal-Karnival. |
| 42.03.15 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li The Note Book Centre bagħat agreement sabiex jiġi iffirmat għall sena oħra sabiex ir-residenti tal-Isla jibbenifikaw minn formats tal-computer / laptops b'xejn. Il-Kunsillera qablu ma dan l-arranġament. |

| | |
|---|---|
| 42.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv iddiskutiet dwar laqgħa li kellha mal-PA u l-Periti Antoine Gatt , Perit Mandy Farrugia, is-Sinj. Rita Vella u is-Sur Enzo Cachia dwar ir-riċerka u l-istudju li sar sabiex jiżdied aktar ambjent b'saħħtu u aktar spazji miftuha fejn wieħed jista' jimxi aktar f'postijiet sikuri. Il-fondi għal dan l-istudju huwa finnazjat mill-PA iżda trid tinħareġ tender mill-Kunsill Lokali. Il-Periti kellhom jiddiskutu jekk humiex lesti li jibgħatu l-BOQ u Specifications kif għandha tinħareġ it-tender għal-ewwel u t-tieni fażi. Il-fondi jingħataw il-kunsill wara li r-riċerka u l-istudju ta dan il-pjan tiġi implimentata, jiġifieri min ikun tefa' din it-tender ser jitħallas wara il-proġett ikun ġie implimentat. Il-PA għamel eċċezzjoni li l-fondi jkopru l-istudji u r-riċerka tal-professjonisti iżda wara li jkun hemm il-proġett li jkun tanġibli. |
| 42.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-imejl dwar talba għall-fondi ta' aġġustament fejn il-kunsilliera approvaw unanimament. |
| 42.03.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imjel dwar EUCF Platform fejn l-EUCF ħabbru li għandhom estensjoni tad-deadline għall energy cities fejn il-kunsill tal-Isla qed jieħsu sehem flimkien mal-kunsilli tal-Birgu u ta' Bormla sabiex fejn hawn asbestos jiġi eliminat. |
| 42.03.19 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li Is-Sur Parnis Matthew bagħat imejl li jixtieq juża l-Gardjola għall-tieġ iżda jixtieq jagħlaq il-Gardjola minn ġurnata qabel u jħalli security magħha sabiex jarma minn ġurnata qabel. Il-Kunsilliera ma qablux li l-Gardjola tingħalaq minn ġurnata qabel, jaqblu li jekk irrid jarma l-Gardjola ġurnata qabel u jħalli security hemm bil-gate magħluqa jista u l-kunsill ma joħroġx permessi għan-Nar. |
| 42.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-enemalta ser jitolbu permess mill PA dwar art faċċata tal-Gardjola sabiex tinbena substation għaliex qed ikollhom ħafna ilmenti mir-residenti li qed jitbaxxilhom jew jinqatalhom id-dawl. Il-Kunsiliera qablu jekk dan huwa ta' ġid għall komunita. |
| 42.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-imejl mill-AKL CIR AKL 2022/015 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-Earth Hour 2022 sabiex tintefa xi żona fis-26 ta' Marzu 2022 għal siegħa. Il-Kunsill ser jitfi il-Gardjola bejn it-8.30 pm u d-9.30pm. |
| 42.03.22 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li ġie imsejjaħ biex joħroġ stqarija dwar l-AUM sabiex l-art taqa' f'idejn il-gvern, pero is-sindku qatt ma rċieva xejn bħala dokumenti bil-miktub li l-art hija tal-gvern, għalhekk bħala kunsill lokali ser jibnqa' jmexxi bl-avukat li l-kunsill lokali tal-Isla huwa kontra li dik iż-żona tal-AUM tinbena. |

| | |
|---|---|
| 42.03.23 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li illum infetħu t-tenders tal-pavimentar ta-Triq Sant Anġlu. Din id-darba kien hemm erba' kuntratturi li tefgħu it-tneder iżda kollha għandhom jibgħatu kjarifika għalhekk l-evalwaturi għandhom jiltaqgħu wara li jkun għalaq iż-żmien tal-kjarifika. Il-Kuntratturi huma:<br><br>Catbros li l-offerta tagħhom hija ta 27517 ewro,<br>Big Projects l-offerta tagħhom hija ta' 39847 ewro,<br>Clint & David l-offerta tagħhom hija ta' 27613 ewro<br>M & V l-offerta tagħhom hija ta' 35328.94 ewro |
| 42.03.24 | Is-Sindku ressaq l-imejl mibgħuta minn Rodney Muscat kaxxier tal-każin tal-banda sabiex fis-6 ta' Mejju 2022 bejn 12.30 u l-4.00pm il-każin jagħmel attivita ġewwa l-Gardjola fejn ser titella attivita għal nies barranin fejn tinkludi daqq ta' banda flimkien ma ikel tradizzjonali Malti. Din l-attivita ser tkun qed tiġi organizzata sabiex jipromwovu l-istorja tas-soċjeta tal-kazin tal-banda fuq bazi internazzjonali. Il-Kunsilliera approvaw unanimament li din l-attivita ssir ġewwa l-gardjola. |
| 42.03.25 | Is-Segretarju Ezekuttiv resqgħet imejl li l-kunsill irċieva mingħand Dr. Therese Bajada fejn is-sindku ġie mistieden għal laqgħa virtwali sabiex jipromwovu aktar riċekra fuq ambjent sagħan. |
| **42.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Is-Sellum tal-ponta ġie itranġat?<br><br>Is-sindku informa lil-viċi sindku li dan ġie irranġat mid-dipartiment tal-Cleansing.<br><br>Il-kenniesa qed jikinsu fi Triq is-Sur u t-taraġ ta' fejn il-Maċina ?<br><br>Is-Sindku qed jibgħat kuljum lil kuntrattur ta fejn l-iktar li hemm bżonn jinkines. |

| | |
|---|---|
| **42.5** | **Rapporti** |
| **42.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order* ta' Jannar 2022 *u Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **42.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 42.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 2/2022 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **42.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 42.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2022 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum 29 ta' Marzu 2022

IFFIRMATI
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATI
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv